# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M.,LL.D

Appell Nru: 441/2016

**Il-Pulizja**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Philip Grech**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat Philip Grech detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 152865M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-13 ta' Frar 2016 ghall-habta tal-11:30am gewwa Triq l-Imdina, Haz-Zebbug u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer;

1. attakka jew ghamel bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq il-persuna tal-

Ispettur Sergio Pisani, u dan ai terminu tal-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tinfluwixxi jew tbezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-Pulizija u cioe' fuq il-persuni tal-Ispettur Sergio Pisani, PS 112 Oliver Vella, PC 957 Colin Spiteri u dan ai terminu tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna/i, akkuza lil dik/dawk il-persuna/i quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocent ai termini tal-artikolu 101(1) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

4. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara lil proprjeta' tal-Gvern ta' Malta, l-Ispettur Sergio Pisani u/jew persuni ohra, liema valur tal-hsara ma kienx jiskorri l-elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda mhux anqas minn mitejn u hamsin euro (€250) ai termini tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. talli fl-istess lok, hin u taht l-istess cirkostanzi imsemmija hawn fuq, ikkagunajt ferita [recte: offiza] ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-

Ispettur Sergio Pisani u dan ai termini tal-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif iccertifika Dr. M. Spiteri MD tal-Isptar Mater Dei.

6. aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

7. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma nfurmax lill-awtorita' tat-transport bir-registrazzjoni tal-vettura CA15UZM u dan bi ksur tal-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. u aktar fl-istess lok, hin u cirkostanzi saq vettura bir-registrazzjoni CA15UZM minghajr ma kienet licenzjata kurrenti mill-Awtorita' ta' Trasport ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija: tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-Ispettur Sergio Pisani sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata kif jidhrilha xieraq l-Onorabbli Qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383(1)(2)(3), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tiskwalifika lil hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, u dan skond l-artikolu 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta; skond l-artikolu 101(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tapplika il-provedimenti ta' l-artikolu 109 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'interdizzjoni generali, kif ukoll bl-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem l-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Settembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 95, 221, 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Avviz Legali 178 tas-sena 2015, iddikjarat li sabet lill-imputat Philip Grech hati tat-tieni (2), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni u ikkundannatu ihallas multa komplessiva ta' erbat'elef u hames mitt Ewro (€4,500), filwaqt li ma sabitux hati tal-akkuzi l-ohra u illiberatu minnhom. Fit-termini tal-artikolu 383(1)(2)(3), tal-Kap 9 il-Qorti obbligat lill-appellant taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) fin-nuqqas li ma jkellimx u ma jimmolestax lill-Ispettur Sergio Pisani, lil PC 957 Colin Spiteri u lil PS 112 Oliver Vella ghall-perjodu ta' sena; astjeniet milli tiehu konjizzjoni ghat-talba tal hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti stante li ma kien hemm l-ebda espert jew perit nominat fil-kawza mill-Qorti; astjeniet ukoll mit-

talba li tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq skond l-Aritkolu 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma nsabitx htija tad-disa' akkuza [recte: imputazzjoni]; u cahdet it-talba maghmula fit-termini tal-artikolu 101(1) tal-Kap 9 stante li ma nstabx hati tal-imputazzjoni tal-kalunja;

Il-Qorti rat l-artikolu tal-Ligi 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat li l-multa inflitta tista' tithallas f'rati mensili w konsekuttivi ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar, izda f'kaz li l-imputat ifalli f'pagament wiehed il-bilanc kollu restanti jkun dovut u ghandu jigi konvertit fi prigunerija skond l-Artikolu 11 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellat hati tad-disa' (9) imputazzjoni u minflok issibu hati taghha skond il-ligi filwaqt li tikkonfermaha fil-kumplament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali ressaq dan l-appell fuq il-gravami singolari li l-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet zbaljati dwar id-disa imputazzjoni bil-konsegwenza li l-appellant kien erronjament illiberat minnha. Din l-imputazzjoni tirrigwarda sewqan ta' vettura impurtata gewwa Malta filwaqt li kienet ghadha bil-pjanci ta' registrazzjoni barranin

meta allura l-appellat kien twaqqaf mill-Pulizija u rrizulta li kienet ilha hekk impurtata ghall-aktar minn xahar. Meta mitlub mill-Pulizija ghad-dokumenti relevanti, inqalghet kwistjoni li waslet lill-appellat sabiex iwiegeb ghal-disa imputazzjonijiet komprizi dik odjerna, li minnhom instab hati u ohrajn illiberat. Dan l-appell ghalhekk jirrigwarda biss l-imputazzjoni numru disa;

2. L-appellat jirrikonoxxi li l-appell tal-Avukat Generali huwa wiehed fondat tant illi fl-udjenza tad-9 ta' Novembru kien registrat is-segwenti verbal: "*Dr. Roberto Montalto ghall-appellat prezenti qed jiddikjara li l-appell tal-Avukat Generali huwa fondat u li jimmerita akkoljiment u konsegwentement jaqbel ukoll li s-sentenza appellata ghandha tigi [recte: tkun] varjata precizament kif indikat fir-rikors tal-appell*";

3. Ezaminati l-atti, jemergi illi fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar id-disa imputazzjoni, igifieri dik ta' sewqan ta' vettura li ma kienitx debitament licenzjata mal-Awtorita' ta' Trasport ta' Malta, l-ewwel Qorti jidher li fehemet illi din l-imputazzjoni kienet tirrigwarda n-nuqqas tal-appellat li jkun munit b'licenzja tas-sewqan meta ma kien hemm ebda tali imputazzjoni. L-ewwel Qorti, wara li rriproduciet l-imputazzjoni kif ukoll l-artikolu tal-ligi in rigward, ghal xi raguni orjentat il-konsiderazzjonijiet taghha bhalli kieku l-appellat kien imputat bir-reat ta' sewqan minghjar licenzja. Issa, fil-konsiderazzjoni taghha dwar it-tmien imputazzjoni li dwarha nstab hati l-appellat u ma interpona ebda appell, l-ewwel Qorti rragjonat illi kien jirrizulta, sia mix-xhieda prodotta kif ukoll mistqarr mill-appellat illi ma kellux licenzja temporanja sabiex isuq dik il-vettura oltre l-perjodu ta' tletin jum mid-data tal-importazzjoni taghha;

4. Ezaminati l-atti jemergi illi meta l-appellat kien intercettat isuq il-vettura in kwistjoni, kien qieghed isuq vettura li fit-termini tal-artikolu 15(1) (a) tal-Kapitolu 65 ma kienitx licenzjata biex tinstaq fit-triq: "*Kull min isuq vettura bil-mutur jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan* ***jew vettura bil-mutur jew vettura ohra li ma jkollhiex licenzja****, …*" L-

ewwel Qorti ghalhekk ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha dwar din l-imputazzjoni. Ghalhekk ukoll l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu li ser ikun akkolt minn din il-Qorti;

5. Dwar il-piena, tenut kont li l-appellat kien ikkundannat ihallas komplessivament multa fis-somma ta' €4500 ma hemmx lok ghal temperament fil-piena. L-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 izda jiprrovdi li fuq talba tal-prosekuzzjoni dwar ksur tal-artikolu 15(1), l-Qorti ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien ta' mhux anqas minn tmient ijiem. Stante li din it-talba kienet debitament maghmulha mill-prosekuzzjoni, u li minnha astjeniet l-ewwel Qorti, din il-Qorti sejra tilqa' t-talba kif rifless fl-ahhar parti ta' din is-sentenza;

6. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi l-appell tal-Avukat Generali qed ikun milqugh, qed tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi **tikkonfermaha** fejn ma sabitx lill-appellat hati mill**-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba (4)** imputazzjoni u lliberatu minnhom **kif ukoll** f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni (2), il-hames(5), is-sitt (6), is-seba(7) u t-tmien (8) imputazzjoni u kkundannatu ghal-hlas ta' multa komplessiva ta' €4500, **tibdilha** f'dik il-parti fejn ma sabitux hati tad-disa (9) imputazzjoni u minflok issibu hati taghha u wara li rat l-artikolu 15(1) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta u wara li qieset li l-piena hija kompriza fil-multa appena konfermata, tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tletin (30) jum li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl tal-lum. Mill-bqija tikkonfermaha ukoll fl-imposizzjoni tal-garanziji fit-termini tal-artikoli 383 (1)(2)u(3) tal- Kap 9 u l-awtorizzazzjoni ghal-hlas tal-multa b'mod ratejali.